MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-28 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 22/2006

**HSBC Bank Malta plc (C3177)**

**VS**

**John Baptist u Dorothea Jean konjugi Cassar**
**(K.I. 784054 M u K.I. 003964 A)**

**Il-Qorti**

Rat **l-att tac-cittazzjoni** li permezz taghha s-socjeta' attrici ppremettiet illi:

Peress illii in forza ta' kuntratt ta' self fl-atti tan-Nutar Isabelle Gonzi tat- 8 ta' Jannar, 1999, kopja ta' liema kuntratt hija hawn annessa u mmarkata bhala Dok. A, il-bank sellef lill-konvenuti s-somma ta; Lm35,000 (hamsa u

tletin elf lira Maltin), liema ammont gie depozitat gewwa ‘loan account’ bin-numru 044-070217-300 f’isem il-konvenuti;

Peress illi l-konvenuti ripetutivament naqsu li jhallsu l-ammonti dovuti lill-bank attur skond il-pattijiet u l-kundizzjonijiet tal-kuntratt ta’ self u l-kont tal-konvenuti mas-socjeta’ attrici huwa passiv fis-somma ta’ Lm46,719.67 (sitta u erbghin elf u seba’ mija u dsatax il-lira Maltin u sebgha u sittin centezmu) rapprezentanti nteressi akkumulati bir-rata ta’ 8% fis-sena mill-24 ta’ Dicembru, 2004 sat-28 ta’ Settembru, 2005 skond il-prospett, li koopja taghha hija hawn annessa u mmarkata bhala Dok. B;

Peress illi l-ammont fuq imsemmi huwa garantit mill-konvenuti permezz ta’ ipoteka generali fuq il-beni kollha taghhom, prezenti u futuri kif ukoll b’ipoteka specjali fuq il-fond ‘Flimville’, flimkien ma garage anness, gewwa Triq il-Barjola, il-Gudja;

Peress illi d-dejn tal-konvenuti fil-konfront tal-bank attur huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tal-bank attur il-konvenuti m’ghandhom ebda eccezzjoni valida x’jaghtu kontra din l-azzjoni;

Peress illi jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti ghall-finjiet tal-artikolu 167 et sequitur tal-Kodici ta’ Organizzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta) kif jirrizlta mill-anness affidavit tar-rapprezentant nomine tas-socjeta’ attrici, immarkata bhala dok. D sabiex din l-Onorabbli Qorti tilqa’ din it-talba bid-dispensa tas-smiegh;

Peress illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta’ ittra ufficjali datata 26 ta’ Gunju, 2003 li kopja taghha hija hawn annessa u mmarkata bhala Dok. C, sabiex ihallsu lis-socjeta’ attrici l-ammont minnhom dovut, izda xorta baqghu inadempjenti;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex din il-Qorti m’ghandiex:

1. Tghaddi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. tiddikjara li l-konvenuti huma debituri tal-bank attur fis-somma ta' Lm46,719.67 (sitta u erbghin elf u seba' mija u dsatax il-lira Maltin u sebgha u sittin centezmu) rapprezentanti in kwantu ghal Lm35,000 (hamsa u tletin elf lira Maltin) somma kapitali u in kwantu ghal Lm11,719.67 (hdax il-elf u seba' mija u dsatax il-lira Maltin u sebgha u sittin centezmu) rapprezentanti nteressi akkumulati bir-rata ta' 8% fis-sena mill-24 ta' Dicembru, 2004 sat-28 ta' Settembru, 2005 oltre l-imghaxijiet ulterjuri bir-rata ta' 8% akkumulati mid-29 ta' Settembru, 2005 sad-data tal-hlas;

3. tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm46,719.67 (sitta u erbghin elf u seba' mija u dsatax il-lira Maltin u sebgha u sittin centezmu) rapprezentanti in kwantu ghal Lm35,000 (hamsa u tletin elf lira Maltin) somma kapitali u in kwantu ghal Lm11,719.67 (hdax il-elf u seba' mija u dsatax il-lira Maltin u sebgha u sittin centezmu) rapprezentanti nteressi akkumulati bir-rata ta' 8% fis-sena mill-24 ta' Dicembru, 2004 sat-28 ta' Settembru, 2005 oltre l-imghaxijiet ulterjuri bir-rata ta' 8% akkumulati mid-29 ta' Settembru, 2005 sad-data tal-hlas effettiv; u

4. Tordna l-ispejjez kontra l-konvenuti li jibqu minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci;

Semghet lil P.L. Adrian Borg li ddikjara li l-ammont ghadu dovut;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddecidi billi t-tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------